

Brussell, 6 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7066/26

CORDROGUE 32
SAN 128
COSI 42
RELEX 324
EUDA
EUROPOL

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	5 ta' Marzu 2026
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	6433/26
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4159 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Marzu 2026.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi**

1. L-Ewropa qed tiffaċċa sfidi sinifikanti tas-saħħa, soċjali, tas-sigurtà u tal-governanza marbuta mat-traffikar u l-użu ta' drogi illeċiti. Is-swieq tad-droga li qed jikbru, u huma sofistikati u vjolenti għandhom impatt fuq is-sikurezza u s-sigurtà tas-soċjetajiet tagħna u jikkontribwixxu għal żieda fil-ħsara relatata mad-droga, inkluż dożi eċċessivi, it-tixrid ta' mard infettiv, il-kriminalità relatata mad-droga u d-degradazzjoni ambjentali, id-destabbilizzazzjoni tal-komunitajiet u l-pressjoni fuq ir-riżorsi pubbliċi. L-użu tad-droga u t-traffikar tad-droga għadhom joħlqu sfidi serji għas-saħħa u s-sigurtà fl-UE. Iż-żgħażaġħ huma partikolarment affettwati mis-sitwazzjoni tad-droga u qed jiġu rekrutati dejjem aktar fil-kriminalità organizzata. Id-demokrazija u l-istat tad-dritt jinsabu mhedda, peress li l-korruzzjoni u l-infiltrazzjoni tal-ekonomija legali minn gruppi kriminali organizzati issa jidhru fuq skala li qatt ma rajna b'ħa qabel.
2. Biex tindirizza l-isfidi dejjem akbar assoċjati mal-użu tad-droga, il-ħsarat relatati u t-traffikar tad-droga, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar Strateġija tal-UE dwar id-Drogi¹, ibbażata fuq l-evalwazzjoni² tal-Istrateġija preċedenti tal-UE dwar id-Drogi³ u l-Pjan ta' Azzjoni⁴ tagħha 2021-2025.
3. Il-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi hija r-riżultat ta' "kokreazzjoni" bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni. Dan iqis il-kontributi minn sessjonijiet ta' ħidma ddedikati fil-korp preparatorju tal-Kunsill inkarigat mill-politika dwar id-drogi u l-iskambji mal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Aġenzija tal-UE dwar id-Drogi (EUDA) u l-Europol, kif ukoll mas-soċjetà ċivili.

¹ 15573/25

² 11320/25 + ADD1

³ 14178/20

⁴ 9819/21

4. Il-Qafas Strateġiku l-ġdid tal-UE dwar id-Drogi huwa magħmul mill-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi u l-qafas ta' implimentazzjoni futur. Il-Kunsill japprova l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi, b'kont meħud tal-elementi li ġejjin (minn hawn' il quddiem imsejħa "l-Istrateġija"). L-Istrateġija tiegħu approċċ ambizzjuż għall-politika tal-UE fil-qasam tad-drogi u tipprovdi l-prijoritajiet politiċi ewlenin f'dan il-qasam.
5. L-Istrateġija hija bbażata fuq l-impenn fit-tul tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għal approċċ ibbażat fuq l-evidenza, li jindirizza l-aspetti kollha tal-fenomeni tad-drogi f'approċċ ta' gvern sħiħ u tas-soċjetà kollha, li jibbilanċja t-tnaqqis tal-provvista tad-droga, id-domanda għad-droga u l-ħsara relatata mad-droga, u jiżgura sinerġiji u komplementarjetà massimi bejn il-livelli lokali, nazzjonali, tal-UE u internazzjonali. Il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi għandu l-għan li jipproteġi u jtejjeb il-benesseri tas-soċjetà u tal-individwi, jippromwovi s-saħħa pubblika, joffri livell għoli ta' sigurtà għas-soċjetà u jsaħħaħ it-tnejn biex ikun jista' jantiċipa u jirreaġixxi għat-theddid għas-saħħa u s-sigurtà relatat mad-droga.
6. Il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi jafferma mill-ġdid ukoll l-importanza tar-rispett għall-valuri tal-UE, id-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem, li kollha kemm huma għandhom jiggwidaw l-implimentazzjoni tad-diversi aspetti tal-qafas⁵. L-istrateġija tallinja mal-impenji globali tal-UE, bħall-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-involvement sinifikattiv tas-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet tal-komunità u dawk li għandhom esperjenza attwali u preċedenti f'il-qasam, kif ukoll l-akkademja u l-komunità xjentifika għandu jiġi żgurat fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar id-drogi.

⁵ Il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi jirrispetta l-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-UE u jsostni l-valuri fundaturi tal-UE, filwaqt li jirrispetta l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Huwa bbażat ukoll fuq id-dritt internazzjonali, il-Konvenzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) (il-Konvenzjoni Unika tal-1961 dwar id-Drogi Narkotiċi, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, il-Konvenzjoni tal-1971 dwar Sustanzi Psikotropiċi u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1988 kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi) li jipprovdu l-qafas legali internazzjonali biex jiġi indirizzat il-fenomeni tad-drogi illeċiti, u d-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

7. Dwar id-dimensjoni esterna tal-politika tal-UE dwar id-drogi, l-UE għandha tkompli tiżviluppa u ssaħħa il-kooperazzjoni tagħha mas-sħab internazzjonali ewlenin permezz ta' djalogi li jħallu impatt, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u kooperazzjoni operazzjonali msaħħa, filwaqt li tiżgura li titkellem b'vuċi waħda, u b'mod proporzjonat għar-riskji: fil-livell multilaterali u b'mod partikolari fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, permezz ta' involviment dirett fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni u Kooperazzjoni UE-CELAC dwar id-Drogi, id-Djalogu UE-CLASI⁶ u permezz ta' Djalogi bilaterali tal-UE mal-Brażil, l-Asja Ċentrali, iċ-Ċina, il-Kolombja, is-Sħubija tal-Lvant, l-Istati Uniti u l-Balkani tal-Punent.
8. Huwa essenzjali li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tirrispetta l-prattiki stabbiliti bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż f'termini ta' tħejjija u presidenza, fost l-oħrajn għad-djalogi tal-UE dwar id-drogi u d-definizzjoni ta' djalogi ġodda dwar id-drogi, u għad-djalogi dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Għandha tirrispetta wkoll il-mandati tal-aġenziji tal-UE u ma għandhiex tippreġudika diskussjonijiet futuri dwar ir-reviżjoni tal-mandati tagħhom.
9. Mingħajr ma jiġu antiċipati n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, il-ħtieġa għal riżorsi xierqa għall-implimentazzjoni tal-oġettivi kollha tal-Istrateġija għandha titqies kif xieraq. Ir-riżorsi għandhom jiġu diretti b'mod proporzjonali lejn daww il-prijoritajiet, l-oqsma u l-azzjonijiet strateġiċi li huma l-aktar probabbli li jilhqqu l-għanijiet tal-Istrateġija. Skont il-QFP attwali, il-finanzjament b'appoġġ għall-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija għandu jiġi allokat minn sorsi ta' finanzjament transsettorjali tal-UE inkluż, b'mod partikolari, il-Fond għas-Sigurtà Interna, il-programm l-UE għas-Saħħa, il-parti tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, il-programm Ewropa Diġitali u l-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri.

⁶ Kumitat Latino-Amerikan għas-Sigurtà Interna

10. Biex jimplimenta l-Istrateġija u jlesti l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi, il-Kunsill, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), l-EUDA u l-Europol, ser ifassal konklużjonijiet dwar qafas ta' implimentazzjoni li jkopri l-ispettru sħiħ tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Istrateġija⁷ b'impenji konkreti. Biex tindirizza l-isfidi dejjem jikbru tat-traffikar tad-droga, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-drogi⁸. Il-Kunsill jieħu nota tal-Pjan ta' Azzjoni propost tal-UE, li jista' jifforma parti mill-qafas ta' implimentazzjoni. Il-Kunsill ser jeżamina l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-droga propost mill-Kummissjoni, bil-ħsieb ta' approvazzjoni possibbli bħala parti mill-qafas ta' implimentazzjoni.
11. L-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi għandha tiffaċilita s-sinerġiji u l-konsistenza bejn il-politiki dwar id-drogi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, permezz ta' approċċ ta' gvern sħiħ u tas-soċjetà kollha. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u mis-SEAE, u dik disponibbli mill-EUDA, mill-Europol, minn aġenziji u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mis-soċjetà ċivili, għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi. Minħabba l-kompetenzi interkonnessi fuq il-livell tal-UE u dak nazzjonali, kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib huma essenzjali f'dan il-qasam. Sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni u sabiex ikun possibbli kwalunkwe segwitu neċessarju ta' politika, inkluż monitoraġġ, il-Kummissjoni, il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE u l-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG), bħala l-korp preparatorju tal-Kunsill responsabbli għall-politika dwar id-drogi, għandhom jikkooperaw mill-qrib flimkien.

⁷ L-istrateġija tinkludi prijoritajiet ibbażati fuq ħames pilastri: 1) it-tisħiħ tal-preparatezza u tar-rispons; 2) il-protezzjoni tas-saħħa pubblika; 3) it-titjib tas-sigurtà u l-protezzjoni tas-soċjetà; 4) l-indirizzar tar-riskji u l-ħsara; 5) il-bini ta' sħubijiet b'saħħithom.

⁸ 16353/25

12. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, b'kont meħud tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, is-SEAE, l-EUDA, l-Europol, istituzzjonijiet, aġenziji u korpi rilevanti oħra tal-UE u s-soċjetà ċivili, biex tħejji rapport ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku l-ġdid tal-UE dwar id-Drogi. Dan ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq indikaturi speċifiċi, standardizzati, komparabbli, aġġornati regolarment u li jistgħu jitkejlu, fejn fattibbli, ipprovduti mill-EUDA u li għandhom jiġu inklużi fil-qafas ta' implimentazzjoni. Dan ir-rapport għandu jkun disponibbli għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill hekk kif ikun disponibbli, u mhux aktar tard minn tmiem l-2032, sabiex jiġi diskuss fil-fora rilevanti u b'mod partikolari fl-HDG. Dawn id-diskussjonijiet għandhom jiffurmaw il-bażi għad-definizzjoni tal-iżvilupp futur tal-politika tal-UE dwar id-drogi u ta' Qafas Strateġiku futur tal-UE dwar id-Drogi jekk jitqies meħtieġ, f'kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom.
